Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 256/1996/2

**Carmelo *sive* Charles Muscat bħala mandatarju ta' ħuh imsiefer Lawrence Muscat**

**vs**

**Wilfred u Pauline konjuġi Camilleri**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Ġenerali fl-1 ta' Novembru, 2005, li iddisponiet minn talba mressqa minn Carmelo Muscat li kien qiegħed jidher għal ħuh imsiefer Lawrence (l-appellat f'din l-istanza), u kif ukoll minn kontro-talba mressqa minn Wilfred u Pauline miżżewġin Camilleri (l-appellanti f'din l-istanza) billi ċaħdtihom it-tnejn, bl-atturi appellati jbatu l-ispejjeż tal-azzjoni ewlenija u tal-perit legali, l-appellanti jħallsu l-ispejjeż tal-azzjoni rikonvenzjonali u tal-espert legali, u ż-żewġ partijiet ibatu ndaqs l-ispejjeż tal-espert tekniku;

Carmelo Muscat *nomine*, għar-raġunijiet imsemmija fiċ-Ċitazzjoni tiegħu, kien talab li l-Qorti tiddikjara li l-konvenuti miżżewġin Camilleri m'għandhom l-ebda jedd fuq entrata li tagħmel parti minn fond tal-attur *proprio* u biex iżżommhom milli jiftħu xi bibien jew aperturi oħrajn li jagħtu għall-imsemmija entrata. Għal dik l-azzjoni, Camilleri eċċepew li t-talbiet ma kinux mistħoqqa u kellhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Fl-azzjoni rikonvenzjonali tagħhom, Wilfred u Pauline miżżewġin Camilleri, għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbu li l-Qorti tiddikjara li Muscat ma kellu l-ebda jedd fl-imsemmija entrata u l-ebda jedd li hu jiftaħ aperturi li jagħtu għaliha, u talbu wkoll li l-Qorti tordna lil Muscat biex, fiż-żmien li jogħġobha tiffissalu, jagħlaq l-aperturi li huwa kien diġa' fetaħ fuq l-imsemmija entrata. Għal dik il-kontro-talba, Muscat eċepixxa li t-talbiet rikonvenzjonali m'humiex mistħoqqa għar-raġunijiet espressi minnu fiċ-Ċitazzjoni, u kellhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Illi l-ewwel Qorti iddeċidiet li tiċħad it-talbiet kollha tal-azzjoni ewlenija, u kif ukoll it-talbiet tal-azzjoni rikonvenzjonali, u dan wara li immotivat id-deċiżjoni tagħha b'dan il-mod:

"Qabel ma jigi trattat il-meritu hemm l-eccezzjoni ta' natura preliminari li fiha hemm eccepit li l-attur ghandu

jipprova l-mandat li huwa ghandu ta' l-attur Lawrence Muscat. Fuq din l-eccezzjoni pero' mill-atti u wkoll minn nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom jidher li l-konvenuti ma baqghux jinsistu fuqha wara li qajmuha bhala eccezzjoni. Di piu' skond ix-xhieda, senjatament dik ta' Joseph Grech, jirrizulta li l-attur nomine kienet proprju l-persuna li tiehu, u ma jirrizultax li m'ghadhiex, tiehu hsieb l-affarjiet ta' l-mandant taghha, l-attur Lawrence Muscat. Ghaldaqstant, il-Qorti mhux ser tiehu aktar konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni u minn issa 'l quddiem ser titratta l-meritu.

Rigward dan, il-vertenza tistrieh unikament dwar min mill-kontendenti jgawdi drittijiet fuq l-entrata. Jigifieri, jekk skond kif isostnu l-atturi taghmel parti mill-fond taghhom pero' soggetta ghall-passagg ta' terzi; jew, invece, jekk hjiex komuni kompartecipi f'din il-komunjoni iz-zewg litiganti; jew ukoll jekk l-atturi humiex ghad-dirittura eskluzi u ma jgawdu ebda drittijiet fuqha.

Illi l-kawza ghandha l-bidu taghha fuq skorta ta' mandat ta' inibizzjoni ntavolat mill-attur li jidher li gie akkordat u li in konsegwenza tieghu hu kellhu jesperixxi din l-azzjoni in sostenn tal-pretensjoni tieghu. Din il-pretensjoni 'sic et simpliciter' hi biex il-konvenuti ma jifthux twieqi jaghtu ghal fuq l-imsemmija entrata. Il-konvenuti minn naha taghhom opponew, wkoll b'kontro-talba, fejn talbu li t-twieqi u l-bieb li l-attur ghandu fuq din l-entrata jigu maghluqa.

In sostenn tal-posizzjoni taghhom il-konvenuti esebew numru ta' kuntratti fuq liema qeghdin principalment jibbazaw ruhom sabiex juru li huma effettivament komproprjetarji ta' l-entrata ma' terzi li ma jikkomprendux l-attur li ghalhekk huwa eskluz li jisserva b'din l-entrata. Da parti tieghu l-attur esebixxa kuntratt wiehed ta' divizjoni tat-12 ta' Gunju 1955 atti Nutar Giuseppe Grech li fuqu qieghed principalment iserrah l-pretensjonijiet tieghu.

S'intendi jinkombi fuq kull parti li tipprova l-pretensjonijiet taghha sabiex tirnexxi fil-kawza izda l-fatt centrali ghaz-zewg linji opposti tibqa' l-kwistjoni ta' l-entrata li hi l-fattur komuni u determinanti. Ghalhekk il-meriti rispettivi jistghu jigu dibattuti bhala meritu uniku li ghandu jwassal ghal-

liema miz-zewg posizzjonijiet kontrapposti hi dik li ghandha tipprevali.

Hawnhekk, il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-kuntratti kollha esebiti u hi ta' l-opinjoni li jkun utili li titratta f'dan l-istadju dawn il-kuntratti kronologikament in bazi ghas-segwenza tad-dati rispettivi taghhom stante illi huma l-kuntratti, aktar mix-xhieda, li jikkostitwixxu l-prova probatorja ghall-ezitu tal-kawza.

Resokont tal-kuntratti esebiti huwa:

- L-ewwel kuntratt hu dak bid-data tas-17 ta' Awissu 1907 atti Nutar Angelo Cauchi (folio 57) li kien wiehed ta' divizjoni bejn Paola Gatt, Maria xebba Muscat u Paola mart Aurelio Camilleri. In forza ta' dan il-kuntratt fost il-beni divizi kien hemm porzjoni art imsejha "Ta' Cens tal-Andar" li giet diviza bejn il-kondividenti kollha u giet assenjata kif ser jinghad: (a) f'kejl ta' tliet mondelli u misure erba' konfinanti mil-lvant ma' entrata appartententi lill-istess fond, mit-tramuntana ma' beni ta' l-eredi ta' Michele Camilleri, punent ma' beni ta' Angelo Tabone, u mezzodi' ma' beni ta' Gio Maria Portelli - assenjata din l-ewwel porzjoni lil Maria xebba Muscat; (b) f'kejl ta' disa misure konfinanti mil-lvant mal-bicca assenjata lit-tieni porzjoni, tramuntana ma' beni ta' l-eredi ta' Michele Camilleri, punent ma' l-entrata, u mezzodi' ma' l-isqaq numru tlieta fi Strada San Giovanni - assenjata din it-tielet porzjoni lil Paola mizzewga Gatt; (c) f'kejl ta' misure sebgha u sebgha minn sebgha ottava parti konfinanti lvant ma' beni ta' l-eredi ta' Giuseppe Bartolo u ohrajn, tramuntana ma' beni ta' l-eredi ta' Michele Camilleri, punent ma' beni tat-tieni porzjoni, u mezzodi' ma' l-isqaq numru tlieta tat-triq San Giovanni - assenjata din it-tieni porzjoni lil Paola mart Aurelio Camilleri.

- It-tieni kuntratt hu dak tat-12 ta' Novembru 1923 wkoll atti Nutar Angelo Cauchi (folio 110) li kien jirrigwarda vendita minn Paolo Camilleri li deher ghan-nom ta' Maria Portelli u li permezz tieghu nbiegh lil Francesco, Giovanni, Antonio, Carmelo, Maria u Ursolica ahwa Gatt porzjoni mill-art, fuq deskritta, f'kejl ta' tliet

mondelli u erba' misure, konfinanti lvant ma' entrata, tramuntana ma' beni tal-kompratur nomine, punent beni ta' Angelo Tabone, u mezzodi' beni ta' Portelli.

- It-tielet kuntratt hu dak tas-26 ta' Novembru 1940 atti Nutar Francesco Gauci (folio 139) li huwa kuntratt ta' antikresi permezz ta' liema Dun Eduardo, Dun Alfredo u Maria Assunta, ahwa Gatt, ikkoncedew bl-imsemmi titolu ta' antikresi lil Antonio Camilleri l-mandretta imsejha "tac-Cens ta' l-Andar" fi Strada San Giovanni in-Nadur, gewwa sqaq numru tlieta, tal-kapacita' ta' cirka siegh u seba' kejliet, tmiss nofsinnhar ma' sqaq, tramuntana beni ta' Antonio Camilleri, lvant beni ta' Salvatore Camilleri, punent ma' entrata u beni eredi ta' Michelangelo Gatt, franka u libera, li "ghandha d-dritt li tghaddi mill-entrata ossija ghandha l-komunjoni ta' l-entrata ezistenti bejn l-istess mandretta u l-beni ta' l-eredi ta' Michelangelo Gatt. Id-dokument folio 187 jattesta li din l-antikresi giet debitament registrata fir-Registru Pubbliku in ottemperanza ma' l-Artikolu 1987 tal-Kodici Civili.

- Ir-raba kuntratt hu dak tat-3 ta' Dicembru 1940 atti l-istess Nutar Francesco Gauci (folio 142) permezz ta' liema l-imsemmija Dun Eduardo, Dun Antonio u Maria Assunta, ahwa Gatt, bieghu lil Lorenzo Camilleri d-drittijiet ta' proprjeta' kollha taghhom fuq il-mandretta appena hawn fuq imsemmija bil-komunjoni ta' l-entrata li tinsab bejn l-istess mandretta u l-beni ta' l-eredi ta' Michelangelo Gatt, bil-komunjoni ta' l-entrata li tinsab bejn l-istess mandretta u l-beni ta' l-eredi ta' Michelangelo Gatt, libera u franka minn kwalunkwe servitu' u dikjarat espressament li hi dik li tinsab f'idejn Antonio Camilleri b'titolu ta' antikresi.

- Il-hames kuntratt (kronologikament esebit skond id-data tieghu, pero' mill-attur) hu dak tal-5 ta' Gunju 1955 atti Nutar Giuseppe Grech (folio 6) li bih sehhet tranzazzjoni bejn, minn naha wahda, Antonia armla minn Giovanni Gatt li dehret f'isimha proprju u bhala tutrici u mandatarja ta' binha minuri Carmelo u bintha Giuseppina rispettivament, Maria Gatt, Concetta armla

Salvatore Grech li dehret f'isimha proprju u qua tutrici ta' binha minuri Angelo, Rita armla Camilleri, Carmela (xebba) u Giuseppe ahwa Grech, u Toni Camilleri f'isem Karmenu Gatt. In forza ta' dan il-kuntratt u b'referenza l-art li tinteressa din il-kawza u hi ndikata sita fil-kontrada "tac-Cens", maghrufa "ta' Najsi": (i) lil Concetta Grech nomine, Rita, Giuseppe u Carmela ahwa Grech giet minnha assenjata kejl ta' cirka tliet sighan u kejla, tmiss punent beni tal-werrieta ta' Maurizju Tabone, tramuntana beni ta' Giuseppe Portelli u lvant mat-tieni porzjoni; (ii) lil Antonia Gatt nomine, Maria u Giuseppa Gatt gie assenjat kejl ta' cirka sighan u sitt kejliet, tmiss punent ma' l-ewwel porzjoni, tramuntana ma' beni ta' Giuzeppi Portelli u lvant mat-tielet porzjon; (iii) lil Carmelo Gatt gie assenjat l-istess kejl bhal tat-tieni porzjoni tmiss punent ma' l-istess tieni porzjoni u beni ta' Giuzeppe Portelli, tramuntana ma' beni ta' Antonia Camilleri u nofsinhar ma' beni tal-werrieta ta' Paolo Gatt;

- Is-sitt kuntratt hu dak tat-2 ta' Marzu 1956 atti Nutar Francesco Gauci (folio 182) li bih Antonio Camilleri biegh lil ibnu Francesco "bicca mandretta" ta' cirka siegh, imsejha 'ta' Gimes', li qeghdha .. Strada San Giovanni, Nadur, tmiss nofsinhar …, tramuntana ma' beni ta' Carmelo Gatt u mil-lvant mal-bicca l-ohra tal-venditur, franka, u tipprovjeni minn akkwist b'titolu ta' xiri mill-poter ta' l-eredi ta' Pawlu Gatt b'att l-istess Nutar tat-3 ta' Dicembru 1940;

- Is-seba' kuntratt hu dak tat-12 ta' Ottubru 1965 atti Nutar Giuseppe Cauchi (folio 184) li bih Peter Paul Camilleri akkwista minghand huh Frank Camilleri bicca raba fin Nadur fi sqaq ta' triq San Gwann, maghrufa 'ta' Gimes', ta' cirka siegh, tmiss nofsinnhar ma' sqaq, punent ma' beni ta' Antonia Gatt, tramuntana ma' beni ta' Joseph Grech u lvant ma' beni ohra tal-kompratur u beni ta' ohtu Maria Giovanna Grech;

- It-tmien kuntratt hu tat-28 ta' Awissu 1995 atti Nutar Michael Refalo (folio 145) li bih Peter Paul Camilleri ta' b'donazzjoni lil ibnu Wilfred Camilleri bicca art fin-Nadur maghrufa 'ta' Gimes' ta' kejl ta' cirkca 160.4 metri

kwadri konfinanti nofsinhar ma’ sqaq li jinfed ghal Triq San Gwann, lvant beni ta’ Ines Grech, punent ma’ entrata komuni bejn l-art donata u beni ta’ Lawrence Muscat u bil-komunjoni ta’ l-entrata li tinsab bejn l-mandretta u beni ta’ l-eredi ta’ Michelangelo Gatt kif ahjar imsemmi fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci tat-3 ta’ Dicembru 1940 (l-imsemmi konfini ndikati fl-att korrettorju atti l-istess Nutar tat-12 ta’ Dicembru 1996 – folio 147);

Minn ezami ta’ dawn il-kuntratti u x-xhieda in atti, safejn konfacjenti, lil din il-Qorti rrizultalha li huwa ferm verosimili li l-entrata giet iffurmata mal-kuntratt tan-1907. Wkoll ta’ min jippreciza li l-art li giet diviza permezz ta’ dan il-kuntratt u dik diviza bil-kuntratt tan-1955 ma kinitx identika fis-sens li fil-kuntratt tan-1907 giet diviza l-estensjoni kollha ta’ l-art waqt li fin-1955 l-art illum tal-konvenut ma kinitx tifforma parti minn dik id-divizjoni. Ghall-finijiet pero’ ta’ din il-kawza huwa rilevanti li jigi notat li fuq l-iskizz a folio hamsa tal-process l-art illum tal-konvenut hija dik indikata “Beni tal-werrieta ta’ Pawlu Gatt” waqt li dik ta’ l-attur hi dik markata bin-numru ‘II’ mifrudin bl-istrixxa kulurita bl-ahmar liema strixxa sewwa sew tikkostitwixxi l-pern ta’ din il-vertenza. Issa, jekk kif verosimilment jinghad, din l-istrixxa giet ikkrejata bid-divizjoni tan-1907, fil-waqt li johrog kjarament li l-art rispettiva tal-kontendenti kienet tifforma parti minn estensjoni wahda u akbar ta’ l-art diviza fin-1907, din l-istrixxa giet ikkrejata ghall-konvenjenza kemm tat-terz li ghandu art retroposta u kemm ghall-proprjetarji taz-zewg porzjonijiet ta’ l-art illum proprjeta’ tal-kontendenti rispettivi. Ghandu fil-fatt jirrizulta minn analizi tal-kuntratti li l-art ta’ l-attur hi dik li bil-kuntratt tan-1907 kienet assenjata lil Maria Muscat inkluza fl-ewwel porzjoni, waqt li lill-konvenut ipperveniet lilu dik l-art inkluza fil-porzjon ta’ Paola Gatt.

Fil-kuntest ta’ dan kollu din il-Qorti tikkonkludi li jekk il-komunjoni ta’ proprjeta’ ta’ l-istrixxa kienet stat ta’ fatt fin-1907 din baqghet hekk sal-lum billi minn imkien ma jirrizulta, anzi pjuttost l-oppost, li dan l-istat ta’ fatt gie terminat, mibdul jew gie b’mod iehor alterat jew modifikat u dan il-Qorti tghidu rrispettivament jekk jissemmix fil-kuntratti sussegwenti kif inhu l-kaz tal-konvenut. U ghal

dak li jirrigwarda aperturi mifthuha fuq din l-istrixxa l-Qorti ma tarax li b'daqstant sehhew innovazzjonijiet projibiti mil-ligi tali li biddlu d-destinazzjoni, l-istat u l-konsistenza tal-haga komuni.

Ghaldaqstant, fuq il-bazi ta' dan, it-talbiet ta' l-atturi huma insostenibbli billi mibnija fuq il-premessa li l-entrata hija proprjeta' u taghmel parti mill-fond taghhom, waqt li t-talbiet tal-konvenuti jirrizultaw wkoll insostenibbli, ad eccezzjoni ta' l-ewwel talba, minhabba li fil-kuntest ta' din it-talba, jirrizulta pjenament pruvat il-komproprjeta' taghhom fuq l-istrixxa.

Kwindi tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet kollha ta' l-atturi u tichad it-talbiet tal-konvenuti, fil-kontro-citazzjoni taghhom.

Dwar l-ispejjez:  dawk konessi mac-citazzjoni ta' l-atturi jibqghu interament a karigu taghhom u dawk tal-kontro-talba tal-konvenuti ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenuti, waqt li l-ispejjez tal-perit legali ghandhom ibatuhom l-atturi u dawk ta' l-espert tekniku ghandhom jkunu a karigu taz-zewg kontendenti nofs kull wiehed."

<u>**Il-kontestazzjoni f'din  l-istanza**</u>

Wilfred Camilleri appella mill-imsemmija sentenza b'rikors imressaq fil-21 ta' Novembru, 2005, u billi ressaq **żewġ aggravji**.  L-ewwel aggravju tiegħu, ta' xejra proċedurali, huwa fis-sens li **tirriżulta differenza bejn il-verżjoni tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata kif inqrat fl-udjenza meta ngħatat is-sentenza,** (skond kopja li ngħatat lill-partijiet minnufih wara li nqrat is-sentenza u li l-appellant Camilleri ressaq kopja tagħha mar-rikors tal-appell tiegħu) **mal-verżjoni tal-istess parti dispożittiva fil-kopja awtentikata tagħha li tinsab fl-atti tal-kawża**. It-tieni aggravju, ta' bixra sostantiva u li tolqot il-mertu tal-kwestjoni, huwa fis-sens li **l-ewwel Qorti waslet għall-fehma żbaljata li l-entrata llum għadha ġid komuni ta' għadd ta' sidien, fosthom l-appellat**, u dan billi dik il-Qorti naqset li tagħmel apprezzament korrett tal-provi u li tagħti tifsira tajba tal-kuntratti rilevanti;

L-attur appellat ma appellax, u lanqas ma ressaq Tweġiba għar-Rikors tal-appell tal-appellanti;

B'degriet tas-17 ta' Frar, 2006, t-tliet imħallfin li kienu qegħdin jisimgħu l-appell, astjenew milli jkomplu jieħdu konjizzjoni tiegħu għar-raġuni imsemmija fil-verbal tas-smigħ ta' dak inhar, u l-appell tħalla għall-20 ta' Marzu, 2006, biex jinstema' mill-Qorti kif issa komposta;

L-appell ġie ittrattat mill-avukat tal-appellanti waqt is-smigħ tad-19 ta' Ġunju, 2006, u tħalla għal-lum għas-sentenza;

L-appellat Muscat ressaq rikors fit-13 ta' Lulju, 2006, li bih talab lil din il-Qorti tieqaf milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza u terġa' tqiegħed l-appell għas-smigħ biex ikun jista' jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu, jew, jekk din it-talba ma tintlaqax, li jingħata żmien biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub;

B'degriet tal-21 ta' Lulju, 2006, din il-Qorti ipprovdiet għat-talbiet billi tat lill-appellat Muscat xahar żmien min-notifika biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub b'notifika lill-appellanti. Jirriżulta li l-avukati taż-żewġ naħat laqgħu n-notifika tal-imsemmi degriet fit-28 ta' Lulju, 2006;

Sat-28 ta' Awissu, 2006, l-appellat ma kienx għadu ressaq in-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu. Ressaqha fid-19 ta' Settembru, 2006;

Sadattant, fl-14 ta' Settembru, 2006, l-appellanti Camilleri ressqu rikors li bih talbu lil din il-Qorti tiddikjara li l-appellat Muscat *nomine* tilef il-jedd li jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu b'nota u li, f'każ li kellu jagħmel dan, kull nota mressqa mill-appellat titneħħa mill-atti tal-Appell, u l-Qorti tgħaddi biex tagħti s-sentenza fuq l-atti li nġabru s'issa u s-sottomissjonijiet magħmulin waqt is-smigħ;

Fit-23 ta' Ottubru, 2006, l-appellat ressaq risposta għat-talba tal-appellanti u nsista li għandhom jiġu miċħuda t-talbiet tagħhom biex jitqies li tilef il-jedd li jressaq

sottomissjonijiet bil-miktub u biex in-nota ta' sottomissjonijiet li ressaq titneħħa mill-atti tal-kawża;

Sadattant, l-istess appellanti, fis-16 ta' Ottubru, 2006, bla ħsara għat-talba magħmula minnhom fir-rikors tagħhom tal-14 ta' Settembru, 2006, ressqu Replika għas-sottomissjonijiet tal-appellat;

## Il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Huwa xieraq li l-aggravji tal-appellanti jitqiesu fl-ordni li saru, ukoll minħabba l-fatt li d-determinazzjoni tal-ewwel aggravju taf tħalli effetti fuq is-sentenza appellata nnifisha;

Għal dak li jirrigwarda **l-ewwel aggravju**, l-appellanti qegħdin jgħidu li meta nqrat is-sentenza tal-ewwel Qorti bil-miftuħ fl-1 ta' Novembru, 2005, il-Qorti kienet laqgħet l-ewwel talba rikonvenzjonali tagħhom, għalkemm ċaħdet il-bqija tat-talbiet l-oħrajn tagħhom. Iżda, s-sentenza fis-sura uffiċjali tagħha qegħda turi li dik l-ewwel talba rikonvenzjonali, bħall-bqija tat-talbiet rikonvenzjonali tal-appellanti, kienet miċħuda wkoll;

Kemm hu hekk, jirriżulta li, bejn il-verżjoni informali mqassma lill-partijiet dak inhar li l-Qorti qrat is-sentenza u l-verzjoni legali(uffiċjali) li ddaħħlet fl-atti tal-kawża, hemm differenza u li tali differenza tinsab fil-parti dispożittiva tas-sentenza;

Illi l-aggravju tal-appellanti kif imfassal, jillimita ruħu biss għall-ilment li m'huwiex xieraq li, lil hinn mill-bidliet li l-liġi proċedurali tħalli li jsiru, sentenza tinbidel tant li jinqaleb ukoll dak li **fis-sustanza l-istess sentenza tkun iddeċidiet**. Dan jidher mill-fatt li l-appellanti talbu biss li l-imsemmija sentenza tkun riformata billi, filwaqt li tkun konfermata safejn ċaħdet it-talbiet magħmulin mill-appellat Muscat *nomine* fl-azzjoni prinċipali tiegħu, "tilqa' t-talbiet tal-konvenuti appellanti" kif imressqin fil-kontro-talba tagħhom. Jiġifieri, l-appell kif imressaq jimplika li s-sentenza fil-fatt ingħatat tiswa. Fi kliem ieħor, l-ewwel

aggravju tal-appellanti ma jissarrafx fl-eċċezzjoni tan-nullita' kif maħsub fl-artikolu 790 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Jirriżulta wkoll li l-ebda waħda mill-partijiet ma ressqet xi talba lill-Qorti li tat l-imsemmija sentenza fiż-żmien lilhom mogħti mil-liġi[1] biex tagħmel il-korrezzjoni meħtieġa. Dan minkejja li jidher li, fi żmien utli, dan il-fatt irriżulta liż-żewġ partijiet fil-kawża;

Illi din il-Qorti ma jidhrilhiex li jista' jkollha l-ebda diffikulta' biex tgħid li hija l-kopja formali tas-sentenza, u mhux xi verżjoni informali tagħha (li tkun qegħda tiġri f'idejn xi parti jew kollha kemm huma), li għandha titqies bħala s-sentenza li fil-fatt tkun ingħatat f'xi kawża partikolari. Dan joħroġ mid-dispożizzjoni espressa tal-liġi proċedurali[2]. Hija biss dik il-verżjoni li l-liġi tagħraf bħala l-pronunċjament uffiċjali tas-sentenza li tkun ingħatat f'kawża. Ħadd ma jista' jistrieħ fuq xi abbozz jew verżjoni differenti minn dik għad-determinazzjoni tal-jeddijiet tiegħu;

Din il-Qorti trid tqis l-appell ukoll minn dak li joħroġ mis-sentenza reġistrata u mhux minn xi verżjoni oħra li tista' ma tkunx taqbel magħha. Lanqas ma jista' jsir tqabbil bejn il-waħda u l-oħra;

Il-problema li tara din il-Qorti jidher li huwa aktar serju u radikali minn hekk. Dan għaliex, kif rilevat fir-rikors tal-appell tal-miżżewġin Camilleri u kif jidher mal-ewwel daqqa t'għajn minn qari tas-sentenza appellata, bejn il-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-ewwel Qorti fil-parti deliberativa tas-sentenza (b'mod partikolari fl-aħħar paragrafu minnufih qabel id-"*decide*") u l-parti dispożittiva tal-istess sentenza hemm inkompatibilita' qawwija. Kemm hu hekk, fis-sentenza appellata jingħad hekk: "*Għaldaqstant, fuq il-bażi ta' dan, it-talbiet tal-atturi huma insostenibbli billi mibnija fuq il-premessa li l-entrata hija proprjeta' u tagħmel parti mill-fond tagħhom, waqt li t-talbiet tal-konvenuti jirriżultaw wkoll insostenibbli,* ***ad***

[1] Art. 825(2) tal-Kap 12
[2] Art. 23 tal-Kap 12

***eċċezzjoni ta' l-ewwel talba**, minħabba li fil-kuntest ta' din it-talba, jirriżulta pjenament pruvat il-komproprjeta' tagħhom fuq l-istrixxa.*" (l-enfasi huwa ta' din il-Qorti). Minnufih, is-sentenza tkompli hekk: "*Kwindi tiddeċiedi u tiddisponi mill-kawża billi tiċħad it-talbiet kollha ta' l-atturi **u tiċħad it-talbiet tal-konvenuti**, fil-kontro-ċitazzjoni tagħhom*" (l-enfasi huwa ta' din il-Qorti) ;

Din il-Qorti hija tal-fehma li ċirkostanza bħal din twassal biex is-sentenza appellata titħassar u mhux sempliċement tinbidel;

Illi huwa prinċipju llum il-ġurnata aċċettat bħala wieħed mill-elementi tal-ġustizzja naturali[3] li sentenza li tingħata minn Qorti jew tribunal trid tkun motivata sewwa, b'mod li wieħed jifhem x'kien il-ħsieb wara d-deċiżjoni li l-Qorti tkun waslet għaliha fid-deċiżjoni tagħha. Dan il-ħsieb jittieħed mill-konsiderazzjonijiet li l-Qorti tkun għamlet, tant li d-dispożittiv tas-sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivazzjoni, imma għandu jiġi minnha definit u mfisser[4]. Dan il-ħsieb joħroġ ukoll mid-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kodiċi Proċedurali Malti[5]. Allura, titnissel ukoll il-ħtieġa li l-konklużjoni aħħarija tal-Qorti (kif murija fil-parti dispożittiva tas-sentenza mogħtija minnha) ma tridx tkun kontradittorja mad-dikjarazzjonijiet fil-parti raġunata li jkunu saru fl-istess sentenza u li jwasslu għaliha[6]. Kemm hu hekk, m'huwiex meqjus biżżejjed li sentenza tuża l-espressjoni ġenerika taċ-ċaħda tat-talbiet attriċi jew tal-eċċezzjonijiet jekk ma tkunx ukoll motivata kif imiss bil-ħsieb li jkun wassal lill-Qorti għal dik iċ-ċaħda jew għall-akkoljiment[7];

Illi l-effett ta' kontradizzjoni bejn il-parti deliberativa u l-parti dispożittiva ta' sentenza għandha twassal biex dik is-sentenza ma tkun tal-ebda siwi u t-triq waħdanija li jifdal tkun it-tħassir tagħha. Dan l-effett huwa wieħed ta' ordni pubbliku. Il-punt li jrid jiġi mistħarreġ huwa jekk tali effett jistax jingħata mill-Qorti *ex ufficio* jekk kemm-il darba l-

---

[3] App. Ċiv. **4.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Alfred Sant vs Kummissarju tat-Taxxi Interni*** (mhix pubblikata)
[4] App. Ċiv. **12.5.1958** fil-kawza fl-ismijiet ***Testaferrata Bonici vs Testaferrata Bonici*** (Kollez. Vol: **XLII.i.287**)
[5] Artt. 218 u 219 tal-Kap 12
[6] App.Ċiv. **17.12.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Buħaġier noe et*** (Kollez. Vol: **XLIX.i.441**)
[7] App. Inf. **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Agricultural Co-Operative Limited vs Peter Axisa***

ebda waħda mill-artijiet – għal raġunijiet li jkunu jafu huma – ma titlob b'eċċezzjoni jew mod ieħor, it-tħassir tal-imsemmija sentenza;

Din il-Qorti jidhrilha li f'ċirkostanza bħal din, hija tista' tgħaddi biex tiddikjara ma tiswiex sentenza li, fil-parti dispożittiva tagħha, tkun għal kollox kontra dak li joħroġ mill-parti deliberativa tagħha;

## Konklużjoni

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell imressaq mill-konjuġi Camilleri, billi tħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Ġenerali fl-1 ta' Novembru, 2005, fil-kawża fl-ismijiet premessi u tibgħat lura l-atti biex il-kawża terġa' titqies mill-ġdid mill-imsemmija Qorti u tkun deċiża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------